IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.8.2016
COM(2016) 493 final

2016/0238 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008

{SWD(2016) 267 final}
{SWD(2016) 272 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Is-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana u ż-żoni ta' maġenbu huwa kumpless ferm, u jinvolvi bastimenti minn tal-inqas seba' Stati Membri kostali, kif ukoll min-Norveġja, li jużaw varjetà wiesgħa ta' rkapti differenti li jimmiraw għal medda wiesgħa ta' speċijiet differenti ta' ħut u ta' frott tal-baħar bil-qoxra. Kwistjoni ewlenija hija li ħafna mill-iktar stokkijiet demersali importanti (jiġifieri dawk li jgħixu fil-qiegħ tal-baħar jew qribu) jinqabdu fis-sajd imħallat. Fil-prattika, dan ifisser li kull darba li bastiment jiġbed l-irkaptu tiegħu, il-qabda tiegħu tkun tikkonsisti minn taħlita ta' speċijiet differenti. Il-kompożizzjoni ta' din it-taħlita tinbidel skont it-tip ta' rkaptu li jintuża, u meta u fejn ikun se jintuża.

Għall-bastimenti li jaqbdu stokkijiet tal-ħut soġġetti għall-qabdiet totali permissibbli (TACs) dan ifisser li jeħtieġ li jieqfu jistadu ladarba l-kwota tagħhom għal dak l-istokk tkun ġiet eżawrita. Qabel l-adozzjoni tar-Regolament 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd[1] (Regolament Bażiku) il-bastimenti ma kienx ikollhom jieqfu jistadu ladarba l-kwota tagħhom għal waħda minn dawn l-ispeċijiet tkun ġiet eżawrita. Minflok, setgħu jkomplu jistadu għall-ispeċijiet immirati l-oħrajn u b'riżultat ta' dan kienu jkomplu jaqbdu l-ispeċijiet li għalihom kienu diġà nqabżu l-kwoti, anke jekk ma setgħux legalment iħottu dawn il-qabdiet l-art. Dawn il-qabdiet f'eċċess tal-kwota kien ikollhom jiġu skartati.

Bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art mir-Regolament Bażiku, ladarba jiġi implimentat bis-sħiħ, se jsir illegali li jiġu skartati l-qabdiet li jaqbżu l-kwota. Għaldaqstant, il-bastimenti jista' jkollhom jieqfu jistadu kmieni fis-sena ladarba l-kwota tagħhom għall-iktar stokk limitat tagħhom tiġi eżawrita. F'dan il-każ l-iktar stokk limitat isir dak li hu magħruf bħala l-ispeċijiet "choke" għaliex, ladarba l-kwota għal dak l-istokk tkun ġiet eżawrita, din twaqqaf il-possibbiltà li jsir sajd għal stokkijiet oħrajn. Għalhekk, huwa mixtieq li jittieħed kont tal-fatt li xi stokkijiet jinqabdu flimkien f'sajd imħallat meta jiġu stabbiliti t-TACs għal dawn l-istokkijiet. Dan l-approċċ jeħtieġ li jkollu vantaġġi kemm għall-konservazzjoni tal-istokk kif ukoll għall-isfruttament tal-istokkijiet. Din il-proposta tieħu dan l-approċċ.

Ir-Regolament Bażiku għandu l-għan li jsolvi l-problemi tas-sajd eċċessiv u l-qbid skartat tal-ħut b'mod aktar effettiv mil-leġiżlazzjoni preċedenti. Madankollu, mingħajr leġiżlazzjoni addizzjonali r-Regolament Bażiku jista' jwassal għal utilizzazzjoni insuffiċjenti tal-kwota fis-sajd imħallat tal-Baħar tat-Tramuntana u m jippermetti l-ebda eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt l-art li għandu jiġi adottat wara li jkunu skadew il-pjanijiet ta' skartar fuq tliet snin. Għalhekk, jekk ma tittieħed l-ebda miżura xierqa, ir-Regolament Bażiku jista' jkollu konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi għall-industrija tas-sajd fis-snin li ġejjin.

Fid-dawl tal-interazzjonijiet tas-sajd imħallat fis-sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana, huwa mixtieq li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti mill-perspettiva ta' mmudellar fuq is-sajd imħallat, li minħabba l-avvanzi xjentifiċi riċenti, issa hija disponibbli. Approċċ bħal dan ikun ukoll konsistenti mal-approċċ tal-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd. L-ewwel pass lejn ġestjoni adattiva bħal din ikun li l-istokkijiet rilevanti kollha jiġu inkorporati fi pjan ta' ġestjoni wieħed. Dan ikun jinkludi l-miri tal-mortalitajiet mis-sajd espressi f'meded għal kull wieħed mill-istokkijiet, fejn ikunu disponibbli, li jkun il-bażi għall-istabbiliment tat-TACs annwali għal dawk l-istokkijiet. Dan jippermetti flessibbiltà fl-istabbiliment tat-TAC li jgħin

[1] [1]ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

sabiex jiġu rikonċiljati d-diffikultajiet li jitqajmu fil-kuntest ta' sajd imħallat. Barra minn hekk, il-pjan ikun jinkorpora fih miżuri ta' salvagwardja li jagħtu qafas sabiex jiġu ripristinati l-istokkijiet meta dawn jaqgħu taħt il-limiti bijoloġiċi sikuri.

L-għan tal-proposta huwa li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni għall-istokkijiet demersali u s-sajd tagħhom fil-Baħar tat-Tramuntana. Dan il-pjan se jiżgura l-isfruttar sostenibbli ta' dawn l-istokkijiet, billi jiżgura li jiġu sfruttati b'mod sostenibbli skont il-prinċipji tar-rendiment massimu sostenibbli u tal-approċċ tal-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd. Il-pjan se jipprovdi l-istabbiltà tal-opportunitajiet tas-sajd, filwaqt li jiżgura li l-ġestjoni tkun ibbażata fuq l-aktar informazzjoni xjentifika aġġornata dwar l-istokkijiet, is-sajd imħallat u aspetti oħra tal-ekosistema u l-ambjent. Il-pjan jiffaċilita wkoll l-introduzzjoni ta' obbligu ta' ħatt l-art.

Il-proposta mhijiex inizjattiva fi ħdan il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT). Madankollu, din tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni. Qed jiġi propost li ż-żewġ pjanijiet pluriennali eżistenti bbażati fuq l-ispeċijiet uniċi adottati minn regolamenti separati[2,3] jiġu ssostitwiti billi l-pjanijiet pluriennali kollha għall-istokkijiet demersali differenti jingħiebu f'regolament wieħed. L-introduzzjoni ta' dan l-approċċ ġdid tippermetti li jintlaħqu l-objettivi tal-konservazzjoni filwaqt li, fl-istess waqt, jippermettu l-eliminazzjoni tal-limitazzjonijiet fuq l-isforzi tas-sajd, li jfisser li bosta obbligi ta' rappurtar u kontroll ma jkunux meħtieġa. Dan jirriżulta fi tnaqqis sinifikanti tal-piż amministrattiv.

Il-pjan se japplika għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni irrispettivament mit-tul ġenerali tagħhom fil-Baħar Baltiku għaliex dan huwa konformi mar-regoli tal-PKS u mal-effett tal-bastimenti fuq l-istokkijiet tal-ħut ikkonċernati.

Mill-1 ta' Jannar 2014 ir-Regolament Bażiku jistabbilixxi r-regoli tal-PKS, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-pjanijiet multiannwali, li jistabbilixxu l-obbligu tal-ħatt l-art għall-istokkijiet soġġetti għat-TAC u l-hekk imsejħa reġjonalizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet ippjanati huma kif ġej:

- F'konformità mal-prinċipji u l-objettivi tal-pjanijiet pluriennali stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament Bażiku l-pjan huwa ta' pjan għas-sajd imħallat, iffukat primarjament fuq l-objettiv tal-MSY;
- l-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku jelenka l-kontenut tal-pjanijiet pluriennali. Għalhekk, il-miri kwantifikabbli, fejn disponibbli, li jikkorrispondu mar-rendiment massimu sostenibbli huma espressi bħala valuri tal-medda rrakkomandati mill-ICES. Dawn il-meded jippermettu ġestjoni bbażata fuq ir-rendiment massimu sostenibbli għal dawn l-istokkijiet, u jidhru li jippermettu adattamenti fil-każ ta' bidliet fil-pariri xjentifiċi, filwaqt li fl-istess ħin jinżamm livell għoli ta' prevedibbiltà. Dawn il-miri huma supplimentati b'dispożizzjonijiet ta' salvagwardja marbutin ma' limitu tal-punt ta' referenza għall-konservazzjoni. Għall-istokkijiet tal-ħut li huma disponibbli, dawn il-punti ta' riferenza huma espressi bħala bijomassa ta' stokk riproduttiv, li tinkiseb mill-ICES, normalment permezz tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tagħhom. Bl-istess mod, għal ċerti unitajiet funzjonali tal-iskampu dawn il-punti ta' referenza huma espressi bħala abbundanza, meta disponibbli. Fin-nuqqas ta' pariri dwar il-livell tal-bijomassa jew abbundanza riproduttiva, tali limitu jeħtieġ li jikkorrispondi mal-mument li fih il-parir xjentifiku jindika li xi stokk huwa mhedded. Irid jiġi nnutat li filwaqt li l-pjan

[2] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.

[3] ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1.

huwa mfassal biex jiġu ttrattati l-karatteristiċi speċifiċi tal-istokkijiet demersali tal-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd tagħhom, jirriżulta mill-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku li l-istruttura u ċerti elementi tal-pjanijiet pluriennali futuri se jkunu simili. Għalhekk, ġie segwit l-istess approċċ biex jiġu ddeterminati l-objettivi, il-miri u s-salvagwardji tal-pjan u għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art kif ġie adottat reċentament fir-Regolament (UE) Nru 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-xxx li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007[4];

- Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Bażiku, l-obbligu tal-ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana se japplika għal ċertu sajd demersali u speċijiet li jiddefinixxu s-sajd mill-2016, u l-ispeċijiet l-oħra kollha li se jkunu soġġetti għal-limiti tal-qbid mill-1 ta' Jannar 2019. B'konformità mal-Artikolu 16(7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri huma obbligati jallokaw it-TACs għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom waqt li jqisu l-kompożizzjoni probabbli tal-qbid u l-obbligu li l-qabdiet kollha jinħattu l-art. Sabiex dan jinkiseb, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali, bħaż-żamma ta' ċerti riżervi tat-TAC nazzjonali disponibbli jew tpartit ta' kwoti ma' Stati Membri oħrajn;
- F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament Bażiku, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni diretta jistgħu jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti, fost l-oħrajn, għal ċerti miżuri li jridu jiġu adottati, filwaqt li l-Kummissjoni tkun ingħatat is-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni jew delegati għall-kisba tal-għanijiet ta' pjan pluriennali. Għal dan il-għan, il-pjan jistabbilixxi kooperazzjoni reġjonali fost l-Istati Membri fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-obbligu tal-ħatt l-art u miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni għal ċerti stokkijiet.

F'konformità mal-parir xjentifiku mill-STECF[5],[6] il-pjan ma jinkludix limiti annwali fuq l-isforz tas-sajd (in-numru ta' ġranet fuq il-baħar).

Dan il-pjan ma jkoprix l-ispnott, stokk li huwa preżenti fil-Baħar tat-Tramuntana, billi dan l-istokk huwa sfruttat l-aktar barra mill-Baħar tat-Tramuntana. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li huwa meħtieġ pjan ta' ġestjoni li jinkludi l-ispnott. Jeħtieġ li japplika għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk fiż-żoni ICES IVb u c, VIIa, u VIId–h. Japplika wkoll għas-sajd rikreattiv tal-ispnott.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fiż-żona tal-politika**

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 204/585/KE[1] jistabbilixxi l-qafas ġenerali għal-PKS u jidentifika s-sitwazzjonijiet li fihom il-Kunsill u l-Parlament għandhom jadottaw pjanijiet pluriennali.

---

4 xxx

5 L-evalwazzjoni ta' pjanijiet pluriennali għall-bakkaljaw fil-Baħar Irlandiż, fil-Kattegat, fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Punent tal-Iskozja (STECF-11-07)

6 Rapport dwar l-evalwazzjoni/l-ambitu ta' pjanijiet ta' ġestjoni: L-evalwazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana (STECF-14-03).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004[2] jistabbilixxi r-regoli għall-isfruttar sostenibbli tal-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-ilmijiet ta' maġenbu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana[3] jistabbilixxi r-regoli għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar[7] jiddeskrivi miżuri ta' konservazzjoni teknika, jiġifieri r-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-qbid, id-daqs minimu tal-malja, id-daqs minimu tal-ħatt l-art, iż-żoni magħluqa u l-istaġuni magħluqa għal ċertu sajd. Jistabbilixxi wkoll limitazzjoni fuq l-għażel tat-tisqif. Fil-preżent, dan qed jiġi eżaminat u se jiġi sostitwit jekk tiġi adottata l-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1098/2007 (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1343/2011 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005[8].

Ir-Regolamenti annwali tal-Kunsill li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar tat-Tramuntana stabbilixxew il-livelli tat-TAC għall-istokkijiet ikkonċernati (l-iktar wieħed riċenti u attwalment vinkolanti huwa r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104[9]).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006[10] (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament tal-Kunsill 1224/2009) jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali ta' kontroll għas-sajd kif ukoll rekwiżiti speċifiċi ta' kontroll għall-pjanijiet pluriennali.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-proposta u l-għanijiet tagħha huma konsistenti mal-politiki tal-Unjoni, speċjalment politiki ambjentali, soċjali, tas-suq u kummerċjali.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

7 ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.
8 COM/2016/0134 final - 2016/074 (COD)
9 ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1.
10 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Id-dispożizzjonijiet tal-proposta jikkonċernaw il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, miżuri li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Konsegwentement, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-miżuri proposti huma konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi huma xierqa, meħtieġa u l-ebda miżura inqas restrittiva oħra mhija disponibbli biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika mixtieqa.

- **Għażla ta' strument**

Strument li qed jiġi propost: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-konsultazzjoni saret f'livelli differenti, inklużi l-partijiet ikkonċernati, ix-xjenzati, il-pubbliku (inklużi l-amministrazzjonijiet pubbliċi) u s-servizzi tal-Kummissjoni. Dan segwa proċess ta' evalwazzjoni sħiħa, stabbilit sabiex il-kompiti inizjali u l-mistoqsijiet li għandhom jiġu indirizzati jiġu speċifikati minn DĠ MARE, iżda l-input ewlieni fil-passi kollha jkun ġie mix-xjenzati u esperti oħrajn, u mill-partijiet ikkonċernati li kienu involuti bis-sħiħ tul il-proċess kollu.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati b'mod immirat matul l-eżerċizzju dwar l-ambitu u permezz ta' konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana (NSAC)[11]. L-ACs huma organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati[12], stabbiliti fir-riforma preċedenti tas-CFP fl-2002, li jġibu flimkien l-industrija (is-setturi tas-sajd, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni) u gruppi oħra ta' interess, bħall-organizzazzjonijiet ambjentali u tal-konsumaturi. L-ACs huma sseparati mill-baċiri tal-baħar. L-Anness III għar-Regolament Bażiku jipprevedi AC għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana – il-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana (NSAC) - u jiddelinja ż-żona eżatta tal-kopertura tiegħu bħala s-subżona IV u d-Diviżjoni IIIa tal-ICES[13].

Żewġ sessjonijiet ta' ħidma dwar l-ambitu ġew organizzati minn DĠ MARE. L-ewwel waħda saret fi Brussell fis-27 ta' Frar 2014[14]. Il-parteċipanti kienu jinkludu esperti xjentifiċi mistiedna u rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana u ACs tal-Baħar tat-Tramuntana u pelagiċi. Dan il-grupp ta' ħidma nieda diskussjoni dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan pluriennali dwar is-sajd imħallat għall-Baħar tat-Tramuntana.

---

11 http://www.nsrac.org

12 http://ec.europa.eu/fisheries/documentation/publications/cfp_factsheets/racs_en.pdf

13 L-Atlantiku tal-Grigal (fost żoni oħra tal-baħar) huwa maqsum f'rettangoli statistiċi. Kumbinazzjonijiet differenti ta' dawn ir-rettangoli huma kkombinati mill-ICES biex jagħtu żoni, subżoni, diviżjonijiet u subdiviżjonijiet differenti. Kombinazzjonijiet differenti ta' dawn iż-"żoni" tal-ICES jintużaw biex jiġu ddefiniti l-istokkijiet tal-ħut fiż-żona tal-ICES.

14 Il-grupp ta' ħidma dwar l-ambitu għas-sajd imħallat għall-Baħar tat-Tramuntana, Brussell, 27.02.2014. Ħarsa ġenerali. Ref.Ares (2015) 2301118-02/06/2015.

It-tieni grupp ta' ħidma dwar l-ambitu sussegwentement sar fi Brussell bejn id-29 u t-30 ta' Settembru 2014[15]. Il-parteċipanti kienu jinkludu esperti xjentifiċi mistiedna, rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana u AC tal-Baħar tat-Tramuntana. L-objettivi ewlenin tiegħu kienu li jintlaħaq fehim kondiviż tal-qafas legali u politiku ġdid għall-pjanijiet pluriennali, jiġi diskuss abbozz ta' deskrizzjoni ta' kif jista' jkun il-MAP tal-futur għall-Baħar tat-Tramuntana, u permezz ta' gruppi separati, jitmexxa ħsieb kollettiv dwar l-elementi kostitwenti possibbli tal-pjan għall-futur.

Barra minn hekk, saru diskussjonijiet mal-NSAC, permezz tal-Grupp Fokus dwar is-Sajd Imħallat tiegħu, f'laqgħat li saru f'Ottubru 2015 f'Amsterdam u f'Marzu 2015 f'Copenhagen[11].

Konsultazzjoni pubblika wiesgħa u bbażata fuq l-internet twettqet bejn id-9 ta' Frar u l-4 ta' Mejju 2015[16]. Total ta' 25 kontribuzzjoni ddettaljata ġew irċevuti mill-Istati Membri, il-Kunsilli Konsultattivi (ACs), l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-industrija, l-NGOs u l-pubbliku ġenerali. Il-konklużjonijiet ewlenin kienu skont kif ġej:

- Il-pjanijiet ta' ġestjoni attwali huma wisq preskrittivi u wisq ikkumplikati. Jeħtieġ li jiġu sostitwiti b'leġiżlazzjoni li hija bbażata fuq objettivi strateġiċi u prinċipji ġenerali;
- Kwalunkwe pjan ġdid ta' ġestjoni jeħtieġ li jqis l-interazzjonijiet tas-sajd imħallat;
- L-obbligu tal-ħatt l-art jippreżenta sfida ewlenija, mhux biss għall-industrija tas-sajd iżda wkoll għall-Istati Membri fl-allokazzjoni tal-kwoti lill-flotot;
- Jenħtieġ li r-regoli dettaljati jiġu ġestiti fil-livell nazzjonali, iżda jrid ikun hemm koerenza mal-pjanijiet ta' ġestjoni għaż-żoni tal-viċinat;
- Ħafna kontributuri qablu dwar il-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda, il-pollakkju iswed, il-merlangu, il-lingwata, il-barbun tat-tbajja' u *Nephrops* bħala l-ispeċijiet immirati ewlenin. Hemm bosta opinjonijiet differenti dwar l-inklużjoni ta' speċijiet addizzjonali fil-mira u dwar il-livell ta' protezzjoni tal-ispeċijiet l-oħrajn. B'mod ġenerali, l-Istati Membri u l-industrija tas-sajd jiffavorixxu fokus fuq l-ispeċijiet ewlenin, filwaqt li l-NGOs iridu objettivi speċifiċi għal kull waħda mill-ispeċijiet maqbuda fil-Baħar tat-Tramuntana;
- Il-miżuri tekniċi introdotti fuq il-bażi tal-pjan ta' ġestjoni jeħtieġ li jiġu miftiehma fuq livell reġjonali.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

Il-maġġoranza tal-ħidma u l-konsultazzjoni neċessarja biex tiġi koperta l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti twettqet minn xjenzati li qed jaħdmu taħt l-awspiċji tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF)[17] u l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES)[18] kif ukoll mill-Grupp ta' Valutazzjoni tar-Riżorsi tal-Baħar (MRAG) taħt kuntratt qafas mal-Kummissjoni.

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

---

15 It-tieni grupp ta' ħidma dwar l-ambitu: ġestjoni tas-sajd imħallat għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana Ħarsa ġenerali lejn id-diskussjonijiet. Ref.Ares (2015) 2300556-02/06/2015.

16 http://ec.europa.eu/dgs/maritimeaffairs_fisheries/consultations/north-sea-multiannual/index_en.htm

17 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2005 li tistabbilixxi l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (2005/629/KE).

18 http://www.ices.dk/explore-us/what-we-do/Pages/default.aspx

L-STECF, l-ICES u l-MRAG kienu kkonludew numru ta' evalwazzjonijiet tal-pjan ta' ġestjoni attwali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw[2] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-pjan għall-bakkaljaw") u l-pjan ta' ġestjoni għal-lingwata u l-barbun tat-tbajja'[3] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-pjan għall-pixxiċatt") qabel ir-riforma tal-PKS. Fil-każ tal-pjan għall-pixxiċatt, il-valutazzjoni tal-impatt tal-opzjonijiet mill-ewwel "stadju ta' rkupru" għat-tieni "stadju ta' ġestjoni" tal-pjan twettqet mill-MRAG[19] fl-2009, billi tali reviżjoni hija prevista fil-pjan innifsu ladarba ż-żewġ stokkijiet huma osservati li jkunu f'limiti bijoloġiċi sikuri għal sentejn konsekuttivi. Grupp ta' esperti tal-STECF li ltaqa' f'Ottubru 2010[20] wkoll evalwa l-pjan għall-pixxiċatt.

Fl-2011 saru żewġ laqgħat biex jitwettaq rieżami retrospettiv ta' numru ta' pjanijiet ta' ġestjoni, inkluż il-pjan għall-bakkaljaw[2]: dawn kienu grupp ta' esperti kombinat tal-STECF/ICES f'Copenhagen fi Frar/Marzu 2011[21] u laqgħa ta' segwitu f'Hamburg f'Ġunju 2011[5]. Iż-żewġ laqgħat kienu miftuħin għall-parteċipanti mill-NSAC u amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Fost il-konklużjonijiet ta' dawn l-analiżi kien hemm li l-pjan għall-bakkaljaw[2] kien jibbenefika minn rabta mal-pjanijiet għan-*Nephrops* u l-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-pollakkju iswed, il-lingwata u l-barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana u li l-pjan ma kienx ikkontrolla l-mortalità tal-ħut kif kien mistenni.

F'dak il-perjodu ta' żmien is-Servizzi tal-Kummissjoni ma ħadu ebda azzjoni biex jirrevedu l-pjanijiet minħabba tilwima bejn l-istituzzjonijiet dwar il-kompetenzi tal-ġestjoni. Wara li Task Force Interistituzzjonali bil-kompitu li ssolvi t-tilwima kienet ippreżentat il-konklużjonijiet tagħha[22], u wara l-adozzjoni tal-PKS il-ġdida, il-ħidma fuq l-evalwazzjonijiet setgħet tqis il-kuntest politiku ġdid.

Fl-2014, grupp ta' esperti tal-STECF iltaqa' f'Varese, l-Italja, bejn l-10 u l-14 ta' Marzu, sabiex jipprepara evalwazzjoni retrospettiva tal-pjan għall-pixxiċatt7. L-evalwazzjoni ġiet rieżaminata mill-STECF fil-laqgħa plenarja fi Brussell aktar tard f'Marzu 2014[23].

Il-pjanijiet ta' ġestjoni attwali huma kkunsidrati mill-Istati Membri, l-industrija tas-sajd, ix-xjenzati[24], [25], [26], [27], [28], [29], [30], [31], [32], [33], [34] u l-organizzazzjonijiet ambjentali bħala mhux effettivi,

19 L-impatti ekonomiċi u soċjali tal-pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali għall-barbun tat-tbajja' u l-lingwata tal-Baħar tat-Tramuntana, Rapport Finali Fish/2006/09

20 Rapport tas-Sottogrupp dwar l-Objettivi u l-Istrateġiji tal-Ġestjoni (SGMOS 10-06). Parti b) Valutazzjoni tal-impatt tal-pjan pluriennali għall-barbun tat-tbajja' u l-lingwata.

21 Rapport dwar l-Ambitu għall-Valutazzjonijiet tal-Impatt għall-Bakkaljaw Baltiku u l-Valutazzjoni tal-bakkaljaw fil-Kattegat, il-Baħar tat-Tramuntana, fil-Punent tal-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż (STECF-11-02).

22 http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/pech/dv/taskfor/taskforce.pdf

23 Rapport dwar l-evalwazzjoni/l-ambitu ta' pjanijiet ta' ġestjoni: L-evalwazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana (STECF-14-03).

24 http://ec.europa.eu/fisheries/reform/impact_assessments_en.htm

25 Rapport tal-45 Laqgħa Plenarja tal-Kumitat Xjenfitifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (PLEN-14-01).

26 http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/540360/IPOL_STU(2015)540360_EN.pdf

27 http://ec.europa.eu/fisheries/documentation/studies/socio_economic_dimension/index_en.htm

28 http://www.socioec.eu/images/SOCIOEC/Media_Centre/Deliverables/SOCIOEC%20Deliverable%206%208%20Management%20Measures%20North%20Sea%2026%2003%202012.pdf

29 MRAG et al. (2014). Studju ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' qafas ġdid miżuri tekniċi ta' konservazzjoni fi ħdan PKS riformata. Lott 2: evalwazzjoni retrospettiva u prospettiva tal-Politika Komuni tas-Sajd, eskluża d-Dimensjoni internazzjonali tagħha. Brussell. 265p.

30 http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2014/529053/IPOL-PECH_ET(2014)529053_EN.pdf

31 http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/830996/2014-11_STECF+14-19+-+Landing+Obligations+-+part+4_JRC93045.pdf

preskrittivi żżejjed, tqal mingħajr bżonn u ekonomikament dannużi għall-industrija tas-sajd tal-UE. B'mod partikolari, ir-reġim ta' "ġranet fuq il-baħar" kien fil-qalba tal-kritika. Fil-valutazzjoni tagħha tal-pjan għall-bakkaljaw[2], l-STECF ikkonkluda li l-pjan ma kienx ikkontrolla l-mortalità tal-ħut kif mistenni u li l-impatti ekonomiċi fuq żmien qasir tal-pjan ta' ġestjoni ma kinux ċari. Fir-rigward tal-pjan għall-pixxiċatt, l-STECF ikkonkluda li l-irkupru osservat tal-lingwata u tal-barbun tal-tbajja' aktarx li ma rriżultax mil-limitazzjonijiet tal-ġranet fuq il-baħar[25].

Il-pjan għall-bakkaljaw[2] ukoll ġie kkritikat bil-qawwa minħabba li ppreveda restrizzjonijiet ulterjuri anke meta l-istokk tal-bakkaljaw kien beda jirkupra fis-snin riċenti. L-effett tiegħu ma kienx biss li jiġi limitat is-sajd għall-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana, li jammonta għal madwar 5 % tal-ħut li jinħatt l-art, iżda wkoll li jiġi evitat li l-bastimenti tas-sajd jitilqu mill-port meta jkollhom kwota tal-ħut ta' 95 % għall-ħut l-ieħor. Din is-sitwazzjoni ġiet ikkritikata bħala inġusta ħafna u sproporzjonata fis-settur kollu tas-sajd.

Ir-reġim ta' ġranet fuq il-baħar ukoll ġie kkritikat minn xi partijiet ikkonċernati minħabba li għandu effetti negattivi li jagħmlu ħsara lill-ambjent minflok jippreżerva l-istokkijiet tal-ħut, pereżempju minħabba li l-bastimenti b'baġit limitat ta' ġranet fuq il-baħar ikollhom jistadu qrib il-kosta fejn jikkonċentra l-ħut li għadu qed jikber. Bl-istess mod, l-industrija tas-sajd tal-Baħar tat-Tramuntana sostniet fil-Konsultazzjoni Pubblika dwar din l-inizjattiva li restrizzjonijiet severi fuq iż-żmien li jistgħu jgħaddu fuq il-baħar jagħmluha aktar diffiċli biex ifittxu żoni tas-sajd b'abbundanza iżgħar ta' bakkaljaw, għalhekk ir-restrizzjonijiet ikabbru l-problema tal-qbid mhux mixtieq ta' bakkaljaw fis-sajd imħallat. Barra minn hekk, l-iskema ta' ġestjoni ta' ġranet fuq il-baħar ħolqot piż amministrattiv sinifikanti għall-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt għall-pjan pluriennali tal-Baħar tat-Tramuntana saret fil-kuntest ta' PKS ġdid u l-abbozzar mill-ġdid ta' regolamenti dwar il-Miżuri Tekniċi. Il-PKS il-ġdida tinkludi, fost l-oħrajn, obbligu ġdid ta' ħatt l-art, skeda ta' żmien biex jintħalaq ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u r-Reġjonalizzazzjoni. Fuq dan l-isfond, numru ta' rapporti, studji u kuntratti pprovdew sfond għal dawn il-kwistjonijiet. Dawn jinkludu:

- ir-riforma tal-PKS;[24]
- l-impatti tal-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art;[25,26]
- id-dimensjonijiet soċjoekonomiċi tal-PKS;[27,28]
- l-iżvilupp ta' regolament ġdid dwar il-miżuri tekniċi;[29]
- il-kwistjonijiet dwar is-sajd imħallat fl-UE[30], inkluż it-trattament ta' effetti "choke";[31]
- kunsiderazzjonijiet dwar iż-żoni ta' ġestjoni għall-pjanijiet pluriennali ġodda;[32]
- kunsiderazzjonijiet tal-ġestjoni bl-użu tal-MSY.[33]

Ġew eżaminati fid-dettall żewġ opzjonijiet leġiżlattivi: (Opzjoni 1 - il-ġestjoni bl-użu tar-Regolament Bażiku u l-Opzjoni 2 - l-istabbiliment ta' pjan pluriennali uniku għas-sajd

32 http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/364146/2012-07_STECF+12-14+-+Management+plans+II+-+area+definitions_JRC73150.pdf

33 http://www.myfishproject.eu/project-myfish/deliverables

34 Studju dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi Akkwatiċi Poseidon, Lott 2. Esperjenza amministrattiva b'ġestjoni tal-isforzi fir-rigward tal-Atlantiku tal-Grigal (Diċembru 2010).

imħallat). Barra minn hekk, ġew ikkunsidrati bosta subopzjonijiet għall-Opzjoni 2, li jirrigwardaw: (i) id-delinjazzjoni taż-żoni, (ii) l-għażla ta' metodu biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, (iii) l-għażla tal-meded F_{MSY}, (iv) l-għażla tal-ispeċijiet koperti mill-pjan, (v) id-data sa meta l-F_{MSY} għandu jintlaħaq, u (vi) l-iskeda ta' żmien għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet sa livelli prekawzjonarji. L-għażla preferuta għall-ewwel erba' varjabbli tista' ssir abbażi ta' analiżi kwalitattiva. Iż-żewġ varjabbli tal-aħħar ġew eżaminati permezz ta' analiżi tal-impatt kwantitattiva u mqabbla mal-Opzjoni 1.

L-għażla favorita hija l-Opzjoni 2 (pjan pluriennali uniku għas-sajd imħallat), fejn l-F_{MSY} jintlaħaq sa mhux aktar tard mill-2020 u l-istokkijiet jerġgħu jinbnew malajr sal-livelli prekawzjonarji. Ladarba l-F_{MSY} ikun intlaħaq għal kwalunkwe stokk partikolari, jenħtieġ li l-isfruttament ma jaqbiżx l-F_{MSY} għal dak l-istokk. L-opzjoni preferuta (pjan pluriennali uniku għas-sajd imħallat għas-sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana) huwa ħafna aktar effettiv fl-ilħuq ta' kwalunkwe wieħed mill-għanijiet ta' din l-inizjattiva milli l-Opzjoni 1 (ir-Regolament Bażiku). L-Opzjoni 2 għandha impatti ambjentali pożittivi meta mqabbla mal-Opzjoni 1. Bħala medja, l-impatti ekonomiċi u soċjali huma wkoll pożittivi meta mqabbla mal-Opzjoni 1. L-effetti pożittivi huma ulterjorment imtejba mis-subopzjonijiet ippreferuti "l-ilħuq tal-F_{MSY} sa mhux aktar tard mill-2020" u "perjodu ta' rkupru veloċi". Ekonomikament, bħala medja, il-profitabbiltà se tiżdied, l-iktar minħabba l-ispejjeż varjabbli mnaqqsa u minħabba d-disponibbiltà tar-riżorsi tas-sajd. Soċjalment, il-piż amministrattiv fuq l-SMEs se jonqos u l-impjiegi se jiġu ppreżervati. Ambjentalment, il-"perjodu ta' rkupru veloċi" jnaqqas ir-riskju ta' kollass tal-istokkijiet u jżid il-bijomassa medja.

Barra minn hekk, it-tneħħija tar-reġim ta' ġranet fuq il-baħar u tal-ħtieġa tas-sajd f'żona unika se jissimplifikaw il-qafas legali u jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u l-industrija.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Għalkemm dan il-pjan mhuwiex marbut mar-REFIT, huwa jintroduċi pożijiet regolatorji billi jħassar żewġ regolamenti li għandhom jiġu inklużi f'dan il-pjan.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 jistabbilixxi r-regoli għall-isfruttar sostenibbli tal-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-ibħra ta' maġenbu[2].

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-ħażniet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana jistabbilixxi r-regoli għall-isfruttament sostenibbli tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana[3].

Il-maġġoranza l-kbira (98 %) tan-negozji fis-settur tal-ipproċessar u tal-qbid demersali fil-Baħar tat-Tramuntana huma SMEs jew mikrointrapriżi. Is-sistema attwali timponi spiża ekonomika importanti fuq in-negozji u speċjalment l-SMEs; dan it-telf qed jiġi kkawżat minn regolamentazzjoni kumplessa u se jiġi evitat fil-futur (benefiċċji diretti tas-simplifikazzjoni). L-isfruttament sostenibbli se jagħti profitabbiltà ogħla li twassal għal prestazzjoni ekonomika mtejba. Is-sajjieda se jkollhom aktar libertà jiddeċiedu fejn u meta jistadu. Bl-eliminazzjoni tar-reġim tal-isforz tas-sajd mhux biss jitnaqqas il-piż amministrattiv, inkluż il-piż tar-rappurtar, tal-industrija, iżda wkoll il-piż tal-ipproċessar tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-monitoraġġ ta' dawn ir-rapporti.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

M'hemm l-ebda implikazzjoni bağitarja.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar

Ir-Regolament tal-Kunsill 1224/2009[10] jipprevedi qafas leġiżlattiv għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-PKS. F'konformità mal-Artikolu 43 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li l-pjanijiet pluriennali jiddeterminaw il-livelli limitu li, ladarba jinqabżu, l-istokkijiet soġġetti għall-pjanijiet pluriennali għandhom jinħattu l-art f'portijiet speċifikati. Barra minn hekk, il-pjan jintroduċi regoli speċifiċi għaż-żoni u s-sajd fir-rigward tar-rekwiżiti għal notifika preċedenti stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill 1224/2009.

Il-pjan jipprevedi l-evalwazzjoni perjodika tal-impatt tiegħu fuq l-istokkijiet ikkonċernati abbażi ta' parir xjentifiku. Huwa kruċjali li jiġi identifikat perjodu xieraq għal din l-evalwazzjoni: perjodu li jippermetti l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri reġjonalizzati, u li juru l-effetti tagħhom fuq l-istokkijiet u s-sajd. Jenħtieġ li jqis ukoll il-metodu ta' ħidma tal-korpi xjentifiċi, inkluża l-valutazzjoni komparattiva regolari tagħhom. Riċentament, ma setax jingħata parir xjentifiku minħabba dejta jew xejriet insuffiċjenti għall-evalwazzjoni, meta l-evalwazzjoni kienet tikkonċerna perjodu ta' tliet snin. B'hekk, jenħtieġ li l-pjan jiġi evalwat kull ħames snin.

F'dan ir-rigward għandu jiġi nnutat li l-evalwazzjoni perjodika tal-impatt tal-pjan ma żżommx lil-leġiżlaturi milli jemendaw il-pjan, jekk ikun meħtieġ minn żvilupp xjentifiku, politiku jew soċjoekonomiku ġdid.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

F'konformità mal-ambizzjoni ġenerali tal-PKS dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u waqt li jitqiesu b'mod speċifiku l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament Bażiku li jirrikjedu l-iżvilupp ta' pjanijiet pluriennali, l-elementi ewlenin tal-pjan huma:

- L-ambitu tal-pjan huwa l-istokkijiet demersali u s-sajd li jisfruttaw dawk l-istokkijiet fil-Baħar tat-Tramuntana;
- L-għanijiet u l-miri (jinkisbu livelli ta' mortalità mis-sajd konsistenti mal-prinċipju ta' rendiment massimu sostenibbli). F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku l-għanijiet jeħtieġ li jkunu kwantifikabbli. L-għanijiet proposti huma espressi bħala meded ta' mortalità mis-sajd madwar l-F_{MSY} skont il-parir tal-ICES. Dawn il-meded F_{MSY} jippermettu ġestjoni bbażata fuq ir-rendiment massimu sostenibbli għall-istokkijiet ikkonċernati, u jidhru li jippermettu adattamenti fil-każ ta' bidliet fil-pariri xjentifiċi, filwaqt li fl-istess ħin jinżamm livell għoli ta' prevedibbiltà;
- Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni, espressi f'tunnellati ta' bijomassa ta' stokk riproduttiva jew abbundanza f'numri, inklużi fil-pjan huma determinati mill-ICES, normalment permezz tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni komparattiva tagħhom. Fin-nuqqas ta' pariri dwar il-livell tal-bijomassa ta'

stokk riproduttiva jew punti ta' referenza f'abbundanza, jeħtieġ li tittieħed azzjoni mal-mument li fih il-parir xjentifiku jindika li xi stokk huwa mhedded.

- Is-salvagwardji u l-miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni huma marbuta mal-punti ta' referenza tal-konservazzjoni. Meta l-parir xjentifiku jiddikjara li xi wieħed mill-istokkijiet ikkonċernati huwa taħt dak il-punt, it-TAC għall-istokk jeħtieġ li titnaqqas. Din il-miżura tista' tiġi kkumplimentata kif meħtieġ permezz ta' miżuri bħalma huma l-miżuri tekniċi, jew miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni jew tal-Istati Membri.
- Dispożizzjonijiet relatati mal-obbligu tal-ħatt l-art li jridu jiġu adottati skont ir-reġjonalizzazzjoni huma meħtieġa biex jiġu permessi eżenzjonijiet futuri possibbli mill-obbligu ta' ħatt l-art għal speċijiet li għalihom l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza, u eżenzjonijiet "*de minimis*", f'konformità mal-iżvilupp tal-parir xjentifiku.
- Id-dispożizzjonijiet ta' kontroll huma pprovduti fuq notifiki preċedenti, ġurnali ta' abbord u portijiet speċifikati. Għar-rekwiżiti ta' notifika preċedenti u ġurnali ta' abbord jenħtieġ li r-regoli ġenerali tar-Regolament 1224/2009 jiġu adattati għall-karatteristiċi partikolari tal-Baħar tat-Tramuntana u tas-sajd demersali tiegħu. Fir-rigward tal-portijiet speċifikati, ir-Regolament 1224/2009 jirrikjedi li l-pjanijiet pluriennali jadottaw livelli limiti li ladarba jinqabżu l-qbid tal-istokkijiet demersali jeħtieġ li jinħatt biss f'portijiet b'kontroll imtejjeb.
- L-evalwazzjoni perjodika tal-pjan abbażi tal-parir xjentifiku: il-pjan jeħtieġ li jiġi evalwat kull ħames snin. Dan il-perjodu jippermetti, fil-bidu, l-implementazzjoni sħiħa tal-obbligu tal-ħatt l-art u l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri reġjonalizzati, u t-turija tal-effetti fuq l-istokkijiet u s-sajd. Dan huwa wkoll perjodu minimu meħtieġ mill-korpi xjentifiċi. Riċentament, ma setax jingħata parir xjentifiku minħabba dejta jew xejriet insuffiċjenti għall-evalwazzjoni, meta l-evalwazzjoni kienet tikkonċerna perjodu ta' tliet snin.

2016/0238 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti Nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, li tagħha l-Unjoni hija parti kontraenti, tistipula l-obbligi ta' konservazzjoni, inklużi ż-żamma jew l-irkupru tal-popolazzjonijiet ta' speċijiet maqbuda f'livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY).

(2) Fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'New York fl-2015, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom biex sal-2020 itemmu b'mod effettiv il-qbid u s-sajd eċċessiv, is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u l-prattiki ta' sajd qerried u jimplementaw pjanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq ix-xjenza, sabiex l-istokkijiet tal-ħut jiġu ripristinati fl-inqas żmien fattibbli, għall-inqas sa livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY skont kif determinat mill-karatteristiki bijoloġiċi tagħhom.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jistabbilixxi r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) b'mod konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni. Il-PKS għandha tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent marittimu, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet kollha sfruttati kummerċjalment, u b'mod partikolari għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb sal-2020, kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

(4) L-għanijiet tal-PKS huma, fost affarijiet oħrajn, li jkun żgurat li s-sajd u l-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul, li jiġi applikat l-approċċ

---

1 [1]ĠU C […], […], p. […].

2 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

3 Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19)

prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd.

(5) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, iridu jiġu adottati għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni skont kif ikun xieraq fi kwalunkwe kombinazzjoni, bħal pjanijiet pluriennali, miżuri tekniċi, l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

(6) Skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet pluriennali għandhom ikunu ibbażati fuq pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi u jkunu jinkludu objettivi, miri kwantifikabbli bi skadenzi ċari, punti ta' referenza ta' konservazzjoni u miżuri ta' salvagwardja.

(7) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008[4] u r-Regolament (KE) Nru 676/2007[5] jistabbilixxu r-regoli għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-bakkaljaw, il-barbun tat-tbajja' u l-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana u l-ilmijiet ta' maġenbhom. Dawn u stokkijiet demersali oħrajn jittieħdu fis-sajd imħallat. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit pjan pluriennali uniku li jieħu kont ta' dawn l-interazzjonijiet tekniċi.

(8) Barra minn hekk, jenħtieġ li pjan pluriennali japplika għall-istokkijiet demersali kollha u s-sajd tagħhom fil-Baħar tat-Tramuntana.

(9) Xi stokkijiet demersali huma sfruttati fil-Baħar tat-Tramuntana kif ukoll fl-ilmijiet ta' maġenbu (stokkijiet transżonali). Għalhekk l-ambitu tad-dispożizzjonijiet tal-pjan relatat mal-għanijiet u s-salvagwardji għall-istokkijiet li huma primarjament sfruttati fil-Baħar tat-Tramuntana jeħtieġ li jiġu estiżi għal dawk iż-żoni barra mill-Baħar tat-Tramuntana. Barra minn hekk, għal stokkijiet transżonali li huma primarjament sfruttati barra mill-Baħar tat-Tramuntana, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-miri u s-salvagwardji fi pjanijiet pluriennali għal żoni barra mill-Baħar tat-Tramuntana fejn huma primarjament sfruttati bl-ambitu tagħhom estiż għall-Baħar tat-Tramuntana.

(10) Jenħtieġ li l-għan ta' dan il-pjan ikun li jikkontribwixxi għall-ksib tal-objettivi tal-PKS, u speċjalment l-ilħuq u ż-żamma tal-MSY għall-istokkijiet inkwistjoni, il-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għall-istokkijiet demersali soġġett għal-limiti tal-qbid u l-kontribuzzjoni lejn l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd.

(11) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jitlob li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti skont il-miri stabbiliti fil-pjanijiet pluriennali.

(12) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-mira tal-mortalità mis-sajd (F) li tikkorrespondi għall-objettiv li jintlaħaq u jinżamm l-MSY bħala meded ta' valuri li huma konsistenti mal-ilħuq tar-rendiment massimu sostenibbli (F_{MSY}). Dawk il-meded, ibbażati fuq pariri xjentifiċi, huma meħtieġa sabiex jipprovdu flessibilità biex jieħdu kont tal-iżviluppi fil-pariri xjentifiċi, biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u biex jieħdu kont tal-karatteristiċi tas-sajd imħallat. Il-meded F_{MSY} ġew ikkalkulati mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u huma mfassla biex jagħtu mhux iktar minn tnaqqis ta' 5 % fir-rendiment fit-tul meta mqabbla mal-MSY[6].

---

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20).

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-ħażniet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1).

6 L-UE tirrikjedi li l-ICES jipprovdi l-meded F_{MSY} għall-istokkijiet magħżula tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku.

Il-limitu superjuri tal-medda huwa limitat, sabiex il-probabbiltà li l-istokk jaqa' taħt B_{lim} jew $Abundance_{limit}$ ikun ta' mhux aktar minn 5 %. Dak il-limitu superjuri jikkonforma wkoll mal-hekk imsejħa "regola rakkomandata"[7] tal-ICES, li tindika li meta l-bijomassa riproduttiva jew l-abbundanza tal-istokk tkun fi stat fqir, F għandu jitnaqqas għal valur li ma jaqbiżx limitu massimu ugwali għall-valur tal-punt F_{MSY} immultiplikat bil-bijomassa riproduttiva jew bl-abbundanza tal-istokk fis-sena tat-TAC, diviż bl-MSY $B_{trigger}$ jew $Abundance_{limit}$. L-ICES juża dawn il-kunsiderazzjonijiet u r-regola rakkomandata meta jipprovdi pariri xjentifiċi dwar il-mortalità mis-sajd u l-għażliet ta' qbid.

(13) Għall-finijiet tal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd, jeħtieġ li jkun hemm livell limitu superjuri għall-meded tal-F_{MSY} fl-użu normali u, sakemm l-istokk ikkonċernat jitqies li jkun fi stat tajjeb, limitu superjuri għal ċerti każijiet. Jenħtieġ li jkun possibbli biss li jiġu ffissati opportunitajiet tas-sajd sal-limitu massimu jekk, abbażi ta' parir xjentifiku jew ta' evidenza xjentifika, ikun meħtieġ għall-ksib tal-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament fis-sajd imħallat, jew meħtieġ sabiex jiġi evitat id-dannu lil stokk ikkawżat minn dinamiċi fl-istokkijiet ta' speċijiet imħalltin bejniethom u ma' speċijiet oħra, jew sabiex jiġu llimitati l-varjazzjonijiet minn sena għal oħra fl-opportunitajiet tas-sajd.

(14) Għall-istokkijiet li għalihom l-objettivi relatati mal-MSY ma jkunux disponibbli, jeħtieġ li japplika l-approċċ prekawzjonarju.

(15) Għall-istokkijiet li għalihom huma disponibbli, u għall-fini tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti punti ta' referenza għall-konservazzjoni espressi bħala livelli tal-bijomassa riproduttiva għall-istokkijiet tal-ħut, u bħala livelli limitu tal-abbundanza għall-iskampu.

(16) Għall-unitajiet funzjonali tal-iskampu li għalihom ikunu disponibbli, huwa xieraq li jintużaw il-livelli limitu tal-abbundanza li ġejjin: abbundanza minima ($Abundance_{buffer}$) li tikkorrespondi għall-punt ta' referenza B_{buffer} iddefinit fil-Pjan ta' Ġestjoni fit-Tul għan-*Nephrops* tal-Baħar tat-Tramuntana mill-Kunsill Konsultattiv għall-Baħar tat-Tramuntana[8] u l-limitu tal-abbundanza ($Abundance_{limit}$) li jikkorrespondi għall-abbundanza MSY $B_{trigger}$ (ekwivalenti għal B_{lim}) kif iddefinit mill-ICES[7].

(17) Jenħtieġ li jiġu previsti miżuri xierqa ta' salvagwardja fil-każ li d-daqs tal-istokk jaqa' taħt dawn il-livelli. Il-miżuri ta' salvagwardja jeħtieġ li jinkludu t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd u miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni meta l-parir xjentifiku jindika li huma meħtieġa miżuri rimedjali. Dawn il-miżuri jeħtieġli jiġu ssupplimentati bil-miżuri xierqa l-oħra kollha, bħall-miżuri tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew miżuri tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(18) Sabiex jiġi żgurat li t-TACs allokati għall-istokkijiet kollha fis-sajd imħallat ma jinqabżux, huwa neċessarju li jiġu adottati ċerti miżuri addizzjonali.

(19) Huwa xieraq li tiġi stabbilita t-TAC għall-iskampu fiż-żoni IIa u IV tal-ICES bħala s-somma tal-limiti tal-qbid stabbilita għal kull unità funzjonali u tar-rettangoli statistiċi li jaqgħu barra mill-unitajiet funzjonali fi ħdan dik iż-żona tat-TAC. Madankollu, dan ma jipprekludix l-adozzjoni ta' miżuri biex jiġu protetti unitajiet funzjonali speċifiċi.

---

7 Kuntest ġenerali tal-parir ICES, Lulju 2015.

8 Pjan ta' Ġestjoni fit-Tul għan-*Nephrops* tal-Baħar tat-Tramuntana

(20) Sabiex jikkonforma mal-obbligu tal-ħatt l-art stabbilit mill-Artikolu 15 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjan jeħtieġ li jipprevedi miżuri ta' ġestjoni addizzjonali.

(21) L-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet konġunti mill-Istati Membri li għandhom interess dirett fil-ġestjoni jeħtieġ li tiġi stabbilita kif mitlub mir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(22) Bil-għan li tiġi żgurata konformità mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' kontroll apparti dawk stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[9].

(23) Filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-Baħar tat-Tramuntana huwa żona fejn bosta bastimenti żgħar iwettqu vjaġġi qosra tas-sajd, l-użu ta' notifika minn qabel kif mitlub mill-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) 1224/2009 jeħtieġ li jiġi estiż biex ikopri l-bastimenti kollha b'tul totali ta' tmien metri jew aktar, u n-notifiki minn qabel jeħtieġ li jiġu sottomessi tal-inqas siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port. Madankollu, meta jitqies l-effett ta' vjaġġi tas-sajd li jinvolvu kwantitajiet żgħar ħafna ta' ħut fuq l-istokkijiet ikkonċernati u l-piż amministrattiv ta' notifiki minn qabel relatati magħhom, huwa xieraq li jiġi stabbilit livell għal tali notifiki minn qabel.

(24) Bl-istess mod, l-użu ta' ġurnali ta' abbord tas-sajd kif meħtieġ skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, għandu jiġi estiż għall-bastimenti tas-sajd ta' tul totali ta' tmien metri jew aktar.

(25) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti għall-istokkijiet demersali li bastiment tas-sajd hu meħtieġ li jħott f'port speċifikat jew f'post qrib il-kosta, skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Barra minn hekk, meta jagħżlu dawn il-portijiet jew postijiet qrib ix-xatt, l-Istati Membri jeħtieġ li japplikaw il-kriterji previsti fl-Artikolu 43(5) ta' dak ir-Regolament b'tali mod li jiġi żgurat kontroll effettiv tal-istokkijiet koperti minn dan ir-Regolament.

(26) Skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-valutazzjoni perjodika mill-Kummissjoni tal-adegwatezza u l-effettività tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li tali valutazzjoni ssegwi u tkun ibbażata fuq evalwazzjoni perjodika tal-pjan ibbażat fuq il-parir xjentifiku: il-pjan jeħtieġ li jiġi evalwat kull ħames snin. Dan il-perjodu jippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu tal-ħatt l-art, u li jiġu adottati u implimentati l-miżuri reġjonalizzati, kif ukoll it-turija tal-effetti tagħhom fuq l-istokkijiet u s-sajd. Huwa wkoll il-perjodu minimu meħtieġ mill-korpi xjentifiċi.

(27) Sabiex ikun hemm adattament għall-progress tekniku u xjentifiku fil-ħin u b'mod proporzjonat u biex tiġi żgurata l-flessibbiltà u tiġi permessa l-evoluzzjoni ta' ċerti miżuri, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentar ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' miżuri ta' rimedju u l-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija,

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(28) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 jeħtieġ li jitħassru.

(29) Skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, qabel l-abbozzar tal-pjan, ġie evalwat kif xieraq l-impatt ekonomiku u soċjali probabbli tiegħu.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan pluriennali ("pjan") għall-istokkijiet demersali fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-Żoni IIa, IIIa u IV tal-ICES ("il-Baħar tat-Tramuntana") u s-sajd li jisfrutta l-istokkijiet ikkonċernati.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Artikoli 4, 5, 6 u 8 japplikaw għaż-żoni tal-istokkijiet għall-istokkijiet tal-Gruppi 1 sa 4 kif iddefinit fl-Artikolu 2.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin flimkien ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98:

(1) "stokkijiet demersali" tfisser dawk l-ispeċijiet ta' ħut tond u pixxiċatt u l-iskampu li jgħixu fi jew qrib il-qiegħ tal-kolonna tal-ilma.

(2) "Grupp 1": tfisser stokkijiet demersali li għalihom il-miri bħall-meded F_{MSY} u s-salvagwardji marbuta mal-bijomassa huma stabbiliti f'dan il-pjan kif ġej:

(a) Bakkaljaw (*Gadus morhua*) fis-Subżona IV u d-Diviżjonijiet VIId u IIIa Punent (il-Baħar tat-Tramuntana, il-Kanal tal-Lvant, Skagerrak), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bakkaljaw tal-Baħar tat-Tramuntana;

(b) Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) fis-Subżona IV u d-Diviżjonijiet VIa u IIIa Punent (il-Baħar tat-Tramuntana, il-Punent tal-Iskozja, Skagerrak), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ merluzz tal-linja sewda;

(c) Barbun tat-Tbajja' (*Pleuronectes platessa*) fis-Subżona IV (il-Baħar tat-Tramuntana) u d-Diviżjoni IIIa (Skagerrak), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Barbun tat-Tbajja' tal-Baħar tat-Tramuntana;

(d) Il-Pollakkju Iswed (*Pollachius virens*) fis-Subżoni IV u VI u d-Diviżjoni IIIa (il-Baħar tat-Tramuntana, Rockall u l-Punent tal-Iskozja, Skagerrak u Kattegat), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-pollakkju iswed;

(e) Lingwata (*Solea solea*) fis-Subżona IV (il-Baħar tat-Tramuntana), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-lingwata tal-Baħar tat-Tramuntana;

(f) Lingwata (*Solea solea*) fid-Diviżjoni IIIa u fis-Subdiviżjonijiet 22-24 (Skagerrak u Kattegat, il-Baħar Baltiku tal-Punent), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-lingwata tal-Kattegat;

(g) Merlangu (*Merlangius merlangus*) fis-Subżona IV u fid-Diviżjoni VIId (il-Baħar tat-Tramuntana u l-Kanal Ingliż tal-Lvant), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ merlangu tal-Baħar tat-Tramuntana.

(3) "Grupp 2" tfisser l-unitajiet funzjonali (FU) tal-iskampu *(Nephrops norvegicus)* li għaliha l-miri bħall-meded tal-F_{MSY} u s-salvagwardji marbuta mal-abbundanza huma stabbiliti f'dan il-pjan li jikkonsisti fi:

(i) *Nephrops* fid-Diviżjoni IIIa (FU 3-4);

(ii)Nephrops fis-Subżona IV (il-Baħar tat-Tramuntana) skont l-FU:

-*Nephrops* f'Farn Deeps (FU 6);

- *Nephrops* fi Fladen Ground (FU 7);
- *Nephrops* f'Firth of Forth (FU 8);
- *Nephrops* f'Moray Firth (FU 9);

(4) "Grupp 3" tfisser stokkijiet demersali soġġetti għal limiti ta' qbid minbarra dawk elenkati fil-Grupp 1 tal-Baħar tat-Tramuntana.

(5) "Grupp 4" tfisser l-unitajiet funzjonali u r-rettangoli statistiċi tal-iskampu *(Nephrops norvegicus)* 'il barra mill-unitajiet funzjonali taż-żona IIa u s-Subżona IV tal-ICES u soġġetti għal limiti ta' qbid minbarra dawk elenkati fil-Grupp 2.

(6) "Grupp 5" tfisser stokkijiet demersali mhux soġġetti għal limiti ta' qbid fil-Baħar tat-Tramuntana.

(7) "Grupp 6" tfisser speċijiet ipprojbiti fir-rigward tagħhom is-sajd huwa pprojbit u li huma identifikati bħala tali f'att legali tal-Unjoni adottat fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana.

(8) "Grupp 7" tfisser stokkijiet demersali li għalihom il-miri bħall-meded F_{MSY} u s-salvagwardji marbuta mal-bijomassa huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni minbarra dan ir-Regolament.

(9) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser il-kwantità ta' kull stokk li tista' tinqabad fuq perjodu ta' sena.

(10) "MSY $B_{trigger}$" tfisser il-punt ta' referenza tal-bijomassa ta' stokk riproduttiv li taħtu trid tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa sabiex jiġi żgurat li r-rati ta' sfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li huma kapaċi jipproduċu MSY fuq medda twila ta' żmien.

KAPITOLU II
GĦANIJIET

Artikolu 3

Għanijiet

1. Il-pjan għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u b'mod partikolari billi jiġi applikat l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jimmira li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirrestawra u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli.

2. Il-pjan għandu jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-qbid skartat, billi jevita u jnaqqas, sa fejn ikun possibbli, il-qbid mhux mixtieq, u għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ispeċijiet li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid u li għalihom japplika dan ir-Regolament.

3. Il-pjan għandu jimplimenta approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd sabiex jiġi żgurat li l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar jiġu minimizzati. Għandu jkun koerenti mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-objettiv tal-kisba ta' status ambjentali tajjeb sal-2020, kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE.

4. B'mod partikolari, il-pjan għandu l-għan li:

(a) jiżgura li l-kundizzjonijiet deskritti fid-deskrittur 3 li jinsab fl-Anness I tad-Direttiva 2008/56/KE jiġu ssodisfati; u

(b) jikkontribwixxi sabiex jiġu ssodisfati d-deskritturi rilevanti l-oħrajn li jinsabu fl-Anness I tad-Direttiva 2008/56/KE b'mod proporzjonali mar-rwol li s-sajd kellu fl-issodisfar tagħhom.

KAPITOLU III
OBJETTIVI

Artikolu 4

Objettivi għall-Gruppi 1 u 2

1. Il-mira tal-mortalità mis-sajd għandha tintlaħaq mill-aktar fis possibbli u, fuq bażi progressiva u inkrementali, sal-2020 għall-istokkijiet fil-Gruppi 1 u 2, u għandha tinżamm minn dakinhar 'il quddiem fil-meded stabbiliti fl-Anness I.

2. Bi qbil mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jikkonformaw mal-meded tal-mira tal-mortalità mis-sajd stabbiliti fil-kolonna A fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-opportunitajiet tas-sajd jistgħu jiġu ffissati f'livelli li jikkorrispondu għal livelli aktar baxxi ta' mortalità mis-sajd minn dawk stipulati fil-kolonna A fl-Anness I.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, l-opportunitajiet tas-sajd għal stokk jistgħu jiġu ffissati skont il-meded tal-mortalità mis-sajd stabbiliti fil-kolonna B fl-Anness I, sakemm l-istokk ikkonċernat ikun ogħla mil-punt minimu ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva stabbilit fil-kolonna A fl-Anness II:

(a) jekk, abbażi ta’ parir xjentifiku jew ta’ evidenza, ikun meħtieġ għall-ksib tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 fil-każ ta’ sajd imħallat;

(b) jekk, abbażi ta’ parir xjentifiku jew ta’ evidenza, ikun meħtieġ biex jiġi evitat dannu serju lil stokk ikkawżat minn dinamiċi fl-istokkijiet ta’ speċijiet imħalltin bejniethom jew ma’ speċijiet oħra; jew

(c) sabiex jiġu llimitati l-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd bejn snin konsekuttivi għal mhux aktar minn 20 %.

Artikolu 5

Objettivi għall-Gruppi 3 u 4

1. L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-Gruppi 3 u 4 għandhom ikunu konsistenti mal-parir xjentifiku relatat mar-rendiment massimu sostenibbli.

2. Fin-nuqqas ta’ parir xjentifiku dwar ir-rata ta' mortalità mis-sajd konsistenti mar-rendiment massimu sostenibbli, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom ikunu konsistenti mal-parir xjentifiku biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-istokkijiet f’konformità mal-approċċ prekawzjonarju.

Artikolu 6

Għanijiet għall-Grupp 5

L-istokkijiet tal-Grupp 5 għandhom jiġu ġestiti abbażi tal-approċċ prekawzjonarju f’konformità mal-pariri xjentifiċi.

KAPITOLU IV
SALVAGWARDJI

Artikolu 7

Punti ta’ referenza għall-konservazzjoni għall-Gruppi 1 u 2

Il-punti ta’ referenza għall-konservazzjoni biex tiġi salvagwardjata l-kapaċità riproduttiva sħiħa tal-istokkijiet ikkonċernati huma stabbiliti fl-Anness II:

(a) il-livell minimu ta’ bijomassa riproduttiva (MSY $B_{trigger}$) għall-istokkijiet tal-ħut;

(b) il-livell limitu ta’ bijomassa riproduttiva (B_{lim}) għall-istokkijiet tal-ħut;

(c) l-abbundanza minima ($Abundance_{buffer}$) għall-iskampu;

(d) il-limitu tal-abbundanza ($Abundance_{limit}$) għall-awwista Norveġiża.

Artikolu 8

Salvagwardji għall-Gruppi 1 u 2

1. Meta l-pariri xjentifiċi jindikaw li għal sena partikolari l-bijomassa riproduttiva tal-istokk ta’ kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet fil-Grupp 1 ikun taħt l-MSY $B_{trigger}$ jew li l-abbundanza ta’ xi waħda mill-unitajiet funzjonali fil-Grupp 2 tkun taħt l-$Abundance_{buffer}$ stipulat fil-kolonna A fl-Anness II, għandhom jiġu adottati l-miżuri rimedjali kollha xierqa biex jiġi żgurat li l-istokk jew l-unità funzjonali kkonċernati jirritornaw għal-livelli ogħla minn dawk li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. B’mod partikolari, b’deroga mill-

Artikolu 4(2) l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'livelli konsistenti mal-mortalità mis-sajd, waqt li jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa jew l-abbundanza, li tonqos taħt il-medda stipulata fil-kolonna A fl-Anness I.

2. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet ikkonċernati tkun taħt il-B_{lim} jew l-abbundanza ta' kwalunkwe waħda mill-unitajiet funzjonali tal-iskampu tkun taħt l-$Abundance_{limit}$ kif stipulat fil-kolonna B fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, għandhom jittieħdu miżuri rimedjali ulterjuri sabiex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu tal-istokk jew unità funzjonali kkonċernata għal-livelli ogħla mil-livell li jista' jipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli. B'mod partikolari, dawk il-miżuri rimedjali għandhom jinkludu, b'deroga mill-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 4, is-sospensjoni tas-sajd immirat għall-istokk ikkonċernat u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd.

Artikolu 9

Miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni għall-Gruppi 3 sa 7

Meta l-parir xjentifiku jindika li tkun meħtieġa azzjoni rimedjali biex tkun żgurata l-konservazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet demersali tal-Gruppi 3 sa 7, jew meta l-bijomassa riproduttiva ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet fil-Grupp 1 jew l-abbundanza ta' kwalunkwe waħda mill-unitajiet funzjonali fil-Grupp 2 għal sena partikolari tkun taħt il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni stabbiliti fil-kolonna A fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta':

(a) il-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd, b'mod partikolari d-daqs tal-malja, id-daqs tas-sunnara, il-bini tal-irkaptu, il-ħxuna tal-ispag, id-daqs tal-irkaptu jew l-użu ta' tagħmir ta' selettività, sabiex tkun żgurata jew imtejba s-selettività;

(b) l-użu ta' rkaptu tas-sajd, b'mod partikolari l-ħin tal-immersjoni, il-fond tal-irkaptu użat, sabiex tiġi żgurata jew imtejba s-selettività;

(c) projbizzjoni jew limitazzjoni fuq is-sajd f'żoni speċifiċi sabiex jiġi protett il-ħut riproduttiv jew ħut li għadu qed jikber jew il-ħut taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jew l-ispeċijiet ta' ħut mhux fil-mira;

(d) projbizzjoni jew limitazzjoni fuq is-sajd jew l-użu ta' ċerti tipi ta' rkaptu tas-sajd matul perjodi ta' żmien speċifiċi, sabiex jiġi protett il-ħut riproduttiv jew ħut taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jew ħut mhux fil-mira;

(e) daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni, sabiex tkun żgurata l-protezzjoni taż-żgħar tal-organiżmi tal-baħar

(f) karatteristiki oħrajn relatati mas-selettività.

Artikolu 10

Total tal-qabdiet permessibbli

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kompożizzjoni skont l-ispeċijiet ta' kwoti disponibbli għall-bastimenti tas-sajd li joperaw fis-sajd imħallat ikunu xierqa għall-kompożizzjoni tal-qabda li x'aktarx iġorru l-bastimenti.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, it-TAC għall-istokk tal-iskampu fiż-żoni IIa u IV tal-ICES għandha tkun is-somma tal-limiti tal-qbid tal-unitajiet funzjonali u tar-rettangoli statistiċi barra mill-unitajiet funzjonali.

KAPITOLU V
DISPOŻIZZJONIJIET RELATATI MAL-OBBLIGU TAL-ĦATT L-ART

Artikolu 11

Dispożizzjonijiet marbuta mal-obbligu tal-ħatt l-art għall-Gruppi 1 sa 7

Għall-istokkijiet demersali tal-Gruppi 1 sa 7, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta':

(a) eżenzjonijiet mill-applikazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għal speċijiet li l-evidenza xjentifika għalihom turi rati għolja ta' sopravivenza, b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tal-irkaptu, tal-prattiki tas-sajd u tal-ekosistema, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art; u

(b) eżenzjonijiet *de minimis* biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art; tali eżenzjonijiet *de minimis* għandhom jiġu previsti għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 15(5)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih;

(c) dispożizzjonijiet speċifiċi dwar id-dokumentazzjoni tal-qabdiet, b'mod partikolari għall-fini ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art; u

(d) l-iffissar ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni, sabiex tkun żgurata l-protezzjoni taż-żgħar tal-organiżmi tal-baħar.

KAPITOLU VI
REĠJONALIZZAZZJONI

Artikolu 12

Kooperazzjoni reġjonali

1. L-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 8 u 10 ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li għandhom interess dirett jistgħu jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti għall-ewwel darba f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 sa mhux iktar tard minn tnax-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u mbagħad tnax-il xahar wara kull sottomissjoni tal-evalwazzjoni tal-pjan skont l-Artikolu 17. Huma jistgħu wkoll jissottomettu tali rakkomandazzjonijiet meta jqisu li jkunu meħtieġa, b'mod partikolari fil-każ ta' tibdil f'daqqa fis-sitwazzjoni għal kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti fir-rigward tal-miżuri li jikkonċernaw sena kalendarja partikolari għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena preċedenti.

3. L-għoti ta' setgħat mogħtija taħt l-Artikoli 9 u 11 ta' dan ir-Regolament ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont dispożizzjonijiet oħra tal-dritt tal-Unjoni, inklużi dawk skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

KAPITOLU VII
MIŻURI TA' KONTROLL

Artikolu 13

Relazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009

Il-miżuri ta' kontroll stipulati f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw flimkien ma' dawk stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għall-istokkijiet demersali fil-Gruppi 1 sa 7, ħlief fejn stipulat mod ieħor f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 14

Notifiki minn qabel

1. B'deroga mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-perjodu ta' notifika minn qabel imsemmi f'dak l-Artikolu għandu jkun ta' mill-inqas siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kostali jistgħu, fuq bażi ta' każ b'każ, jagħtu permess għal dħul aktar bikri fil-port.

2. Minbarra l-obbligu ta' notifika minn qabel stabbilit fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ta' tul totali ta' bejn tmien metri u tnax-il metru għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mill-inqas siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port bl-informazzjoni elenkata fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 meta jkollhom abbord mill-inqas waħda minn dawn il-kwantitajiet ta' ħut:

(a) Grupp 1: 1000 kg; u/jew

(b) Grupp 2 u 4: 500 kg; u/jew

(c) Grupp 3: 1000 kg; u/jew

(d) Grupp 7: 1000 kg.

Artikolu 15

Rekwiżiti għall-ġurnal ta' abbord għall-Gruppi 1 sa 7

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' tmien metri jew iżjed li jkunu involuti fis-sajd għal stokkijiet demersali għandhom iżommu ġurnal ta' abbord dwar l-operazzjonijiet tagħhom bi qbil mal-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 16

Portijiet dežinjati għall-Gruppi 1, 2, 3, 4 u 7

Il-livell limitu applikabbli għall-piż ħaj ta' speċijiet soġġetti għall-pjan pluriennali, li jekk bastiment tas-sajd jaqbżu, jkollu jħott l-art il-qabdiet tiegħu f'port speċifikat jew f'post qrib ix-xatt kif stabbilit fl-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu jkun:

(a) Grupp 1: 2 tunnellati;

(b) Grupp 2 u 4: tunnellata;

(c) Grupp 3: 2 tunnellati;

(d) Grupp 7: 2 tunnellati.

KAPITOLU VIII
SEGWITU

Artikolu 17

Evalwazzjoni tal-pjan

Sa mhux inqas minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u wara dan kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tiżgura evalwazzjoni tal-impatt tal-pjan fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament u s-sajd li jisfrutta dawn l-istokkijiet. Hija għandha tippreżenta r-riżultati ta' din l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

KAPITOLU IX
DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

Artikolu 18

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 9 u 11 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 9 u 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[10].

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 9 u 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

[10] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

KAPITOLU X
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 19

Tħassir

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1342/2008 u (KE) Nru 676/2007 huma mħassra.

2. Ir-referenzi li jsiru għal dawn ir-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*